31982R1534

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1534/82
tal-25 ta' Mejju, 1982,
dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 5/81 tal-Kumitat Konġunt KEE-Svizzera li temenda l-Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat imsemmi.

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Komunità Ekonomika Ewropea ffirmat Ftehim mal-Konfederazzjoni Svizzera [1] fit-22 ta' Lulju, 1972, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1973;

Billi, skond l-Artikolu 12a ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat Konġunt adotta d-Deċiżjoni Nru 5/81 li temenda l-Protokolli 1 u 2;

Billi din id-Deċiżjoni għandha tingħata effett fil-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera, id-Deċiżjoni Nru 5/81 tal-Kumitat Konġunt għandha tapplika fil-Komunità.

It-test ta' din id-Deċiżjoni huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar, 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Mejju 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

L. TINDEMANS

---

[1] ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189